# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 4 ta' Ottubru 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Marphil Gauci**

**Kumpilazzjoni Nru: 601/2019**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Marphil Gauci, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 584391 (M).

Akkuzat talli

1. Fix-xahar ta' Ottubru, 2019 u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn diversi vetturi liema serq jeccedi s-somma komplessiva ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2, 329.37), liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-dannu ta' diversi persuni;
2. Nhar it-08 ta' Awwissu, 2019 ghal-habta tat-3:30 ta' wara nofsinhar minn triq Sir Charles Cameron, Gzira, ikkommetta serq ta' telefon cellulari minn gewwa vettura ta' ghamla Skoda bi-numru ta' registrazzjoni DLY0136, liema serq jeccedi is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Zafer Ulusoy u/jew persuni ohra;

3. Nhar l-14 ta' Settembru, 2019 bejn id-08:50 ta' filghodu u is-01:30 ta' wara nofsinhar minn Triq J Borg, l-Msida, ikkommetta serq ta' hwejjeg minn gewwa vettura ta' ghamla Suzuki bin-numru ta' registrazzjoni EBU-027, liema serq ma' jeccedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-dannu ta' Thomas Galea u/jew persuni ohra;
4. Kif ukoll talli fl-istess data, hin u lok volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli meta ghamel hsara fuq vettura ta' ghamla Suzuki bin-numru ta' registrazzjoni EBU-027, liema hsara ma' teccedix mitejn u hamsin Euro (250)
5. Nhar l-14 ta' Settembru, 2019 bejn l-11:43 ta' filghodu u l-12:20 ta' wara nofsinhar fi Triq J. Borg, Msida, volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli meta ghamel hsara fuq vettura ta' ghamla Suzuki bin-numru ta' registrazzjoni BCI-214, liema. Hsara ma' teccedix mitejn u hamsin Euro (250);
6. Nhar it-02 ta' Ottubru, 2019 ghal habta ta' 10:00 ta' filghodu fi Triq Sant' Agata, Msida volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq vettura ta' ghamla BMW bin-numru ta' registrazzjoni BMW-330 liema hsara ma' teccedix mitejn u hamsin Euro (250)

Il-Qorti, giet mitluba li tittratta ma' l-imputat bhaal recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huma kienu misjuba hatja u ikkundannati ghall-reati, b'sentenzi, ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha in-natura tar-reati li taghom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(g), 263, 264, 267, 271(g) u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghhom tikundannah **tlett snin prigunerija**.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**